MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Talba Numru. 2193/2003

**Grech & Ellul**
**vs**

**Alfred Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnax-il lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm412.20), bilanc dovut mill-konvenut fuq diversi konsenji ta' zebgha li xtara minghand is-socjeta` attrici, skond ir-rendikont (Dok.A) mehmuz mal-avviz. Minkejja li l-konvenut ha konsenja ta' din il-merkanzija, huwa naqas milli jhallas dan l-ammont ta' erba' mija u tnax-il lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm412.20) ghalkemm gie interpellat biex ihallas l-ammont hekk dovut minnu ;**

**Is-socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erba' mija u tnax-il lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm412.20) kif ukoll l-interessi mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv. Bl-ispejjez gudizzjarji tas-socjeta` attrici, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 30 ta' Gunju, 2003 u 9 ta' Settembru, 2003, kollha kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta' April, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tnax-il lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm412.20) bl-imghax legali mit-3 ta' Lulju, 2002 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 30 ta' Gunju, 2003 u dik tad-9 ta' Settembru, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------